# L-ISTORJA TA' GĦAJNSIELEM F.C. 1936 – 2006

## META U KIF BEDA L-FOOTBALL F'GĦAWDEX



L-Eqdem ritratt ta' Għajnsielem F.C., meħud xi xhur wara r-rebħa taż-Zammit Cup fl-1936. Wara: Carmelo Mallia (Coach), Joseph Cauchi, Ganni Rapa, Guzeppi Demanuele, Kelinu Galea, Mabbli Cauchi, Guzeppi Cauchi, Kelinu Ciangura, Alessju Camilleri. Quddiem: Elija Debono, Guzeppi Cassar, Karmnu Cauchi, Guzeppi Scicluna u Nenu Grech.

Il-futbol f'Għawdex nibet u ffjorixxa fir-raħal ta' Għajnsielem, eżattament fil-forti ta' Chambray u dan għandu jagħmilna kburin. Kien żmien l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918), żmien ta' taqlib u biżà li fortunatament ftit li xejn laħaq lill-gżira tagħna. Infatti ħafna mill-istejjer fuq il-ġlied u l-avvenimenti l-oħra tal-gwerra kienu jinstemgħu minn fomm is-suldati Ingliżi li kienu jintbagħtu Għawdex biex fir-Rest Camp ta' Chambray jistrieħu mill-ġrieħi tal-battalji. Għall-imfejqa ż-żmien kien jgħaddi bilmod sakemm xi wieħed minnhom miġnun wara l-ballun beda jorganizza xi logħbiet. Ftit ftit is-suldati kollha interressaw irwieħom u l-logħbiet tant bdew isiru akkaniti illi xi erba' minn Għajnsielem bdew ta' kull filgħaxija jitilgħu lejn Chambray biex jaraw din il-logħba ġdida li bħala qatt ma kienu raw qabel. In-numru tagħhom żdied u Chambray beda joffri xena sabiħa bl-Ingliżi jiġru wara l-ballun u l-antenati tagħna jitmasħnu fuq min minnhom ser jirbaħ hekk kif l-interess tagħhom fil-logħba beda jikber.

Għaddew is-snin. Il-gwerra spiċċat u l-Ingliżi telqu. Iżda warajhom ħallew xi blalen u xi żraben kbar u goffi. Dawk li qabel kienu jħarsu…issa bdew jixxutjaw huma għall-ewwel jidħku b'xulxin iżda fi ftit żmien il-logħba qabdet ġmiela u fl-aħħar Chambray beda jisma' l-għajjat ferrieħi tal-logħba bl-ilsien tagħna u mhux iżjed b'dak barrani.

Hekk nibtet il-logħba Għawdxija. Dawk is-suldati ta' Chambray ftit li xejn ħasbu li bħal sħabhom f'ħafna partijiet oħra tad-dinja huma kienu ser iħallu wirt warajhom. Għawdex kellu jistenna sal 1936 biex jieħu pjaċir b'futbol organizzat iżda fil-fatt il-futbol tagħna huwa ferm ixjaħ u qadim.

Għalhekk, għalkemm ftit hawn min jaf, il-Kastell ta' Chambray huwa post mill-aktar importanti fl-istorja tal-futbol Għawdxi u l-klabb tagħna huwa kburi li fl-arma tiegħu jġib it-torri, sinjifikat tal-post fejn twieldu l-futbol Għawdxi u l-eqdem klabb fil-gżira.



# IZ-ZAMMIT CUP



Fiż-żmien tal-lum, meta nilagħbu u nirbħu diversi tazzi bl-addoċċ, huwa ferm diffiċċli biex wieħed jista' jimmaġina l-importanza u l-entużjażmu u anke l-ansjetà li kienet iġġib magħha iz-Zammit Cup.

Għal din iċ-challenge cup li ġiet irregalata għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-Silver Jubilee Ground (1936) miz-Zammit Workshop tal-Marsa, kkompetew żewġ timijiet – il-Victoria Scouts Group u l-Għajnsielem F.C. li kien magħmul mis-Sea Scouts, movement li ma messu qatt inqered. Tħejjijiet saru u friendly matches saru wkoll fil-Fortizza ta' Chambray. Barra dan kienu jsiru training ta' kuljum fit-tennis court barra Chambray. It-tim kien fdat f'idejn Fr.Hersey li bis-saħħa tiegħu sar is-Silver Jubilee Ground u bħala coach kellna lill-wardmaster Carmelo Mallia. It-tim kien imsaħħaħ minn Alessju Camilleri li kien jaħdem ġewwa Chambray. Il-prospetti ma tantx kienu sbieħ għalina. Ir-rivali tagħna kellhom iżjed min jittrenjahom kienu msaħħin min xi players li kienu jitgħallmu f'kulleġġi Malta. L-għażla tat-tim tagħna kienet ħażina – bi players magħżulin aktar minħabba s-saħħa milli għax kienu jafu jilgħabu, b'eċċezzjoni ta' tnejn jew tlieta.

IL-jum mistenni wasal – jum ta' Mejju b'xemx fl-inżul tagħha. Il-partita kienet bilanċjata ferm u r-riżultat ta' 2-1 kien riżultat xieraq. Il-Victoria kienu li fetħu l-iskor fl-ewwel half u dritt fit-tieni half, Joe Cassar ġab id-draw. Il-ballun beda tiela u nieżel – ballun fil-għoli fejn spikkat mhux il-moħħ iżda s-saħħa fejn kultant rajna wkoll logħob goff. Bix-xemx faċċata tagħna u l-ħin joqrob għat-tmiem, in-nies bdiet taħseb biex titlaq meta l-gowl tar-rebħa wasal. Kien Elija Debono, l-aħjar player ta' dak iż-żmien, li qabeż player wara l-ieħor u mhux biss skorja il-gowl, imma tana t-tazza li hija l-aqwa 'mile-stone' fl-istorja tal-klub tagħna u tal-futbol Għawdxi – tazza li turi meta il-futbol beda uffiċċjalment ġewwa gżiritna.

Iż-Zammit Cup fetħitilna t-triq diffiċli ta' nżul u tlugħ iżda l-awgurju li tana Fr.Hersey meta ppreżentalna it-tazza seħħ – il-futbol mhux biss ma' mietx iżda ssaħħaħ u minn dejjem kellna wieħed mill-aqwa timijiet, biex b'hekk żammejna t-tradizzjoni li bdiet tant żmien ilu. Illum, 70 sena wara dan kollu, għandna għax nkunu grati lejn dawn in-nies u ngħozzu dawn l-avvenimenti li ġraw għax meta nifirħu bir-rebħiet u tazzi li nakkwistaw għandna nżommu f'moħħna li kienu Fr.Bernard Hersey u Carmelo Mallia li taw bidu u wittew it-triq għas-suċċess li l-klub glorjuż tagħna ġab lejn ir-raħal ta' Għajnsielem.

Dan ir-rapport ġie meħud mill-magazines Black And White minn kitba ta' Carmel Rapa, rranġati għal-lum min Alex Spiteri, u ttajpjati u preparati min Miguel Refalo.

